

Brussell, 10 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12387/25

INST 248
POLGEN 126
AG 126

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea, u Maroš Šefčovič, Kummissarju
lil:	Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew, u Mette Frederiksen, Prim Ministru tad-Danimarka
Suġġett:	Ittra ta' intenzjoni fir-rigward tat-tnejjja tal-Programm ta' F'idma tal-Kummissjoni għall-2026

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness kopja tal-Ittra ta' intenzjoni mingħand Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea, u Maroš Šefčovič, Kummissarju, indirizzata lil Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew, u Mette Frederiksen, Prim Ministru tad-Danimarka, li għandha f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.



*L-Istat tal- **Unjoni** 2025*

ITTRA TA' INTENZJONI

MT

LILL-PRESIDENT **ROBERTA METSOLA** U LILL-
PRIM MINISTRU **METTE FREDERIKSEN**

Brussell, l-10 ta' Settembru 2025

Għażiża President Metsola,

Għażiża Prim Ministru Frederiksen,

Hekk kif iċ-ċaqliq globali jkompli jsawwar mill-ġdid l-ordni dinji, l-Unjoni Ewropea trid turi x'issarraġ – b'mod kuraġġuż, deċiżiv, u bi skop. F'din l-ewwel sena tal-mandat il-ġdid, l-Unjoni tagħna diġà ħadet passi biex issaħħaħ id-difiża, il-kompetittività u d-demokrazija. Iżda fid-dinja tagħna li qed tinbidel malajr m'hemmxx lok għal kompjaċenza jew eżitezzjoni. Wasal iż-żmien li nimxu 'l quddiem flimkien u nirreaġixxu għall-iskala u l-urġenza tas-sitwazzjoni.

F'dawn iż-żminijiet inċerti, irridu nuru li nistgħu niksbu r-riżultati fil-kwistjonijiet li l-aktar jaffettwaw liċ-ċittadini tagħna. Irridu niksbu l-fiduċja tagħhom, niżguraw l-istabbiltà u s-sigurtà, u nsawru futur kunfidenti għall-kontinent tagħna. Biex tagħmel dan, l-Ewropa trid issir aktar indipendenti. Irridu nieħdu responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħna, insaħħu l-kompetittività tagħna, u niżguraw li jkollna l-mezzi biex naġixxu b'mod awtonomu u nilqgħu l-isfidi attwali u futuri. L-Ewropa trid dejjem terfa' r-responsabbiltà tagħha fid-dinja, mill-gwerra f'Gaza sal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.

L-aggressjoni li għaddejja tar-Russja għamlitha ċara kemm hu meħtieġ b'mod urġenti li l-Ewropa ssaħħaħ is-sigurtà u d-difiża tagħna. Il-Pjan tal-Prontezza 2030 jikkostitwixxi pass storiku f'din id-direzzjoni, u se jagħmel aktar investimenti permezz tal-programm SAFE tagħna u ta' proposti ulterjuri biex javvanzaw l-Unjoni Ewropea tad-Difiża tagħna. Għaddew kważi 1 300 jum minn meta r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni brutali u mhux provokata tagħha kontra l-Ukrajna. Sa mill-ewwel jum żammnejna ruġna fuq in-naħa tal-Ukrajna u se nkomplu nagħmlu dan sakemm ikun hemm bżonn. Se naħdmu flimkien biex niggarantixxu l-post tal-Ukrajna fil-familja Ewropea tagħna, kif ukoll dak tal-Moldova u tas-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent.

Sa mill-bidu ta' dan il-mandat, aħna poġġejna l-kompetittività u l-impjiegi fil-qalba tal-aġenda tagħna. Iggrwidati mill-Kumpass tal-Kompetittività, il-pjan tagħna li nimplimentaw ir-Rapport ta' Draghi, diġà għamilna progress sinifikanti b'inizjattivi mill-agrikoltura sal-industrija nodfa, mill-enerġija sal-innovazzjoni, u mill-investment sas-sigurtà.

L-Ewropa teċċella fejn tidħol ir-riċerka u l-iżvilupp, iżda qed niffaċċjaw sfidi biex intejbu l-innovazzjoni. Se niffukaw fuq l-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali, bħall-IA jew il-

kwantum. Se nressqu proposti biex insaħħu l-ekonomija ċirkolari u naħdmu fuq swieq ewlenin għal prodotti nodfa u innovattivi. Se nissimplifikaw l-ambjent regolatorju b'ġabra waħda armonizzata ta' regoli u se naħdmu biex intejbu l-aċċess għall-kapital ta' riskju – sabiex **il-kumpaniji tagħna jkunu jistgħu jsibu dak li jeħtieġu biex jikbru hawnhekk fl-Ewropa**. Il-Kummissjoni diġà ressqet sitt pakketti ta' simplifikazzjoni "omnibus", u ġejjin aktar omnibuses b'hal dawn – pereżempju dwar il-mobbiltà militari jew id-diġitali – biex jgħinu jagħmlu n-negozju aktar faċli fl-Ewropa.

In-nirien devastanti fis-selvaġġ madwar l-Ewropa wrew li **t-tibdil fil-klima** huwa theddida dejjem akbar għas-sigurtà għaċ-ċittadini tagħna, għall-ambjent tagħna, u għall-ekonomiji tagħna. Irridu nkomplu fi triqitna lejn l-għanijiet klimatiki u ambjentali tagħna, kif ukoll inżidu r-reżiljenza għall-klima u l-isforzi ta' adattament tagħna.

Jeħtieġ ukoll li l-Ewropa tagħmel aktar biex tindirizza t-tħassib tal-Ewropej dwar **l-affordabbiltà u l-għoli tal-ħajja**. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-akkomodazzjoni u l-enerġija. Ser naċċelleraw l-isforzi biex innaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija li huma strutturalment għoljin. Se nressqu proposti biex l-akkomodazzjoni ssir aktar affordabbli, aktar sostenibbli u ta' kwalità aħjar. Ser nipproponu inizjattivi dwar dawn il-kwistjonijiet u biex tissaħħaħ **il-ġlieda kontra l-faqar**. Se nkomplu wkoll nappoġġaw komunitajiet rurali b'saħħithom u nappoġġaw settur agrikolu lest għall-futur.


Se nipproponu leġiżlazzjoni ġdida biex insaħħu l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, niproteġu l-fruntieri tagħna bi Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta msaħħa, u niżviluppaw ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tagħna. Il-ħidma tagħna fejn tidħol is-sigurtà interna ser timxi id f'id ma' miżuri biex tissaħħaħ **ir-reżiljenza tad-demokrazzi u s-soċjetajiet tagħna**, mit-tisħiħ tal-kapaċità kollettiva tagħna biex nirreżistu t-theddid sal-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni.

Aħna nkomplu niproteġu **l-interessi ekonomiċi u ta' sigurtà tagħna fix-xena globali**. Il-ftehim dwar il-kummerċ mal-Istati Uniti jgħib stabbiltà u prevedibbiltà għaċ-ċittadini u n-negozji. Dan jenfasizza wkoll il-bżonn li napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna mal-bqija tad-dinja. Ser naħdmu biex nikkonkludu n-negozjati kummerċjali li għaddejjin u qed insaħħu s-ħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, b'hal-Patt għall-Mediterran, inkluż l-istabbiliment ta' Università Mediterranja.


Ilpreżentajna proposta kuraġġuża **għall-baġit fit-tul tal-UE** li tista' ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE li twettaq il-prijoritajiet ewlenin tagħha. Dan se jgħin biex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' Ewropa aktar indipendenti, li tkun kapaċi tappoġġa lin-nies, lin-negozji, lir-reġjuni u lis-soċjetà ċivili, u dan filwaqt li tiggarantixxi r-rispett **tal-valuri tal-Unjoni** tagħna u **l-istat tad-dritt**. Nilqgħu l-iskambji produttivi mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar dawn il-proposti – inkluż dwar ir-riżorsi proprji – u nistennew bil-ħerqa li niffinalizzaw baġit ambizzjuż li jikseb riżultati għall-Ewropej.

Il-lista ta' hawn taħt tinkludi prijoritajiet ewlenin għas-sena li ġejja, abbażi ta' **djalogi strutturati mal-Parlament Ewropew** u diskussjonijiet **mal-Kunsill**. Dan se jiġi segwit mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026, id-djalogu interistituzzjonali tagħna, u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Prijoritajiet Leġislattivi li għandha tiġi ffirmata mit-tliet istituzzjonijiet.

F'dawn iż-żminijiet ta' inċertezza, l-Ewropa teħtieġ **għaqda u sens ta' urġenza**. Nistennew bil-ħerqa li naħdmu magħkom mill-qrib biex naraw li **l-Ewropa tagħti riżultati għall-Ewropej kollha**.



Ursula von der Leyen



Maroš Šefčovič

IL-PRIJORITAJIET EWLENIN GĦAS-SENA LI ĠEJJA

Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa

- Pjan Direzzjonali għas-Suq Uniku sal-2028
- Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali
- Pakketti Omnibus
- It-28 Att dwar ir-Reġim u l-Innovazzjoni Ewropea
- Pakkett dwar il-Grilji Ewropej
- Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA

Era ġdida għad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa

- L-inizjattiva Eastern Flank Watch
- Pjan Direzzjonali għall-Prontezza fid-Difiża Ewropea u s-Semestru Ewropew għad-Difiża
- Emendat tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
- Regoli ġodda dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u reġim ġdid ta' sanzjonijiet kontra l-kuntrabandisti u t-traffikanti
- Reviżjoni tar-Regolament tal-Europol

Nappoġġaw lin-nies u nsaħħu s-soċjetajiet u l-mudell soċjali tagħna

- Strateġija għar-Reġjuni Ultraperiferiċi u Aġenda għall-Iblijiet
- Inizjattiva dwar it-trasferibbiltà tal-ħiliet
- Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli
- Strateġija tal-UE kontra l-faqar
- Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità
- Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

Insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: sigurtà tal-ikel, ilma u natura

- Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima
- Inizjattiva dwar it-Tiġdid Ġenerazzjonali tal-Biedja
- Strateġija dwar il-bhejjem inklużi elementi dwar il-benessri tal-annimali
- Pakkett Omnibus dwar l-ikel
- Att dwar l-Oċeani

Nipproteġu d-demokrazija taqħna, inħarsu l-valuri taqħna

- Tarka Ewropea għad-Demokrazija
- Att dwar l-Ekwità Diġitali
- Programm ta' Reżiljenza tal-Midja
- Strateġija kontra l-korruzzjoni
- Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku

Ewropa Globali: nisfruttaw il-qawwa u s-sħubijiet taqħna

- Komunikazzjoni Umanitarja
- Patt għall-Mediterran
- Aġenda Strateġika UE-Indja